# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Att ta' Akkuza Nru: 60/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Gordi Felice**

Illum 27 ta' April, 2018.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 60 tas-sena 2010 fil-konfront ta' Gordi Felice (detentur karta tal-identita' 289782 (M) li bih huwa akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga gew infurmati li kien se jsir xi *deal* ta' droga gewwa Hal Qormi, specifikament fil-vicinanzi tal-knisja ta' San Bastjan. Fuq din l-informazzjoni, l-Pulizija marru jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom u hemmhekk, wara ftit tal-hin, huma nnotaw vettura tat-tip Toyota, numru ta' registrazzjoni IBM-002, li wara rrizulta li kienet misjuqa minn certa Gordi Felice, tasal f'dawk l-inhawi. F'dak l-istess mument, il-pulizija raw terza persuna, li wara rrizulta li kien certa William Agius, tersaq lejn l-imsemmija vettura Toyota u s-sewwieq tal-vettura Toyota, cioe' Gordi Felice, ta borza tal-karti lil William Agius. F'dak il-mument, l-ufficjali tal-Pulizija intervjenew u fortunatament

sfrattaw din l-operazzjoni kollha u William Agius, filwaqt li pprova jahrab minn fuq il-post, tefa' l-borza tal-karti ma' l-art. Meta l-ufficjali tal-pulizija ezaminaw l-imsemmija borza tal-karti irrizulta li kien fiha erba' (4) pakketti f'boroz tal-plastik li kienu jikkontjenu ammont ta' pilloli suspettati *ecstasy*.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija in fatti, irrizulta illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena erlfejn u erbgha (2004) u fix-xhur ta' qabel, l-akkuzat Gordi Felice, iddecieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga illegali *Ecstasy* kontenenti s-sustanza illegali *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija designer drug maghrufa bhala MDMA.

Ghal dan l-ghan, l-akkuzat Gordi Felice ftiehem ma' habib tieghu, certa William Agius, sabiex flimkien jittraffikaw fid-droga *Ecstasy*. Il-ftehim milhuq bejniethom kien li l-akkuzat Gordi Felice jibda jghaddi d-droga illegali *ecstasy* lil William Agius bl-intendiment li l-istess droga tigi imbaghad traffikata lil terzi persuni - indikati lil William Agius minn Gordi Felice stess - ghal skopijiet ta' lukru. Gordi Felice kien jaghti wkoll l-ammont ta' flus li William Agius ghandu jircievi minghand il-persuni indikati minn Gordi Felice kif imsemmi. In fatti, Gordi Felice forna jew pprokura d-dorga *ecstasy* lill-istess William Agius b'dan il-metodu maqbul bejniethom u ghal dan l-istess ghan ghal numru ta' drabi.

Bhala parti mill-ezekuzzjoni tal-ftehim milhuq minn qabel bejniethom, dakinhar tas-sitta u ghorxin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) Gordi Felice kien ikkomunika ma' William Agius u ftehmu li jiltaqghu fl-inhawi tal-Knisja ta' San Bastjan, Hal Qormi, f'distanza ta' inqas minn mitt (100) metru boghod mill-iskola Primarja ta' Hal Qormi, sabiex l-imsemmi akkuzat ikun jista' jforni d-droga *ecstasy* lill-istess William Agius, bl-intendiment li l-istess droga tigi traffikata lil terzi persuni.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Gordi Felice sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u/jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap.

31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocazzjoni, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Gordi Felice hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocazzjoni, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A (1)(f) (1A) (2)(a)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess granet u taht l-istess cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' Akkuza, u cioe' fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u fix-xhur ta' qabel, l-imsemmi Gordi Felice in ezekuzzjoni tal-assocjazzjoni ta' bejnu u bejn William Agius volontarjament u xjentement ltaqa' ma' William Agius gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-iskola primarja ta' Hal Qormi bil-ghan li jbiegh, jittraffika, jforni jew jipprokura d-

droga illegali *ecstasy* u cioe' madwar elfejn u tlieta u erbghin (2043) pillola *Ecstasy*, liema droga ggib l-ammont ta' circa tmien t'elef tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u sittin ewro - centezmu €8, 851. 61 (Lm 3, 800), lill-istess William Agius ghal skopijiet ta' lukru.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, irrizulta fix-xhur ta' qabel id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), Gordi Felice kien forna jew ipprokura lil William Agius bid-droga illegali *ecstasy* madwar erba' darbiet bil-ghan li William Agius jghaddihom lil terzi persuni indikati minn Gordi Felice u jigbor l-ammont ta' flus minghandhom indikat minn Gordi Felice stess u sussegwentement jghaddihom lill-istess akkuzat.

L-imsemmija pilloli *Ecstasy*, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imsemmi Gordi Felice ma kellu l-ebda permess jew awtorizazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu jew sabiex iqassam jew ibiegh l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Gordi Felice sar hati talli b'diversi atti, maghmula fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, biegh jew offra li jbiegh, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Gordi Felice hati talli b'diversi atti, maghmula fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda biegh jew offra li jbiegh, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A 120A(1)(f) (1B) (2)(a)(i) (2A) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-Avvizi Legali 22/85 [regolarment 10(2), 70/88 u 183/99, kif ukoll fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess granet u taht l-istess cirkostanzi indikat fil-Kapi ta' Akkuza precedenti, u cioe' fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u fix-xhur ta' qabel l-imsemmi Gordi Felice, waqt li kien qieghed fil-vettura tieghu tat-tip Toyota, numru ta' registrazzjoni IBM-002 ta borza tal-karti lil William Agius. Irrizulta li din il-borza tal-karti kienet tikkontjeni erba' (4) pakketti boroz tal-plastik u li fihom kien hemm madwar elfejn u tlieta u erbghin (2043) pillola li minn aktar investigazzjonijiet

irrizulta li kienu pilloli *ecstasy*, liema droga kellha ggib l-ammont ta' cirka tmien t'elef tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u sittin ewro - centezmu €8,851.61 (Lm 3, 800) u liema ammont juri illi d-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Fortunatament, il-pulizija lahqet gabret din l-imsemmija borza fil-mument illi huma marru fuq Gordi Felice.

Illi l-imsemmi Gordi Felice kien fil-pussess ta' l-imsemmija droga waqt illi kien gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-iskola primarja ta' Hal Qormi u cioe' fil-mument illi ltaqa' ma' l-imsemmi William Agius sabiex jghaddihielu ghal finijiet ta' lukru reciproku.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta illi Gordi Felice kien fil-pussess xjenti tad-droga illegali msemmija ghal numru ta' drabi ohra qabel is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u dan kull darba li l-imsemmi akkuzat kien jforni d-droga illegali *ecstasy* lill-istess William Agius.

L-imsemmija pilloli *Ecstasy*, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imsemmi Gordi Felice ma kellu l-ebda permess jew awtorizazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu jew sabiex iqassam jew ibiegh l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Gordi Felice sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv

tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Gordi Felice hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a), (2),(2a)(i),(2A),(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 U 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Gordi Felice, preżentat fis-seduta tas-6 ta' April, 2018, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi

Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Gordi Felice għall-akkużi miġjuba kontrih skond l-Att ta' Akkuzaq fl-ismijiet premessi, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti, wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Maltab'zewg gradi, għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija għal perjodu ta' erbgħa (4) snin flimkien ma' multa ta' sebgha telef Euro (€7,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9, 31 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe fless u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum tas-26 ta' April, 2018, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

1. assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocazzjoni, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

2. b'diversi atti, maghmula fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, biegh jew offra li jbiegh, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li

ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, b'dan li r-reat sar gewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

3. b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza psikotropika *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Rat il-ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkużat jirreġistra ammissjoni bikrija fil-proċeduri u b'hekk jiġi evitat ħafna xogħol inutli u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem neċessarjament u bħala dritt jintitola lill-ħati għal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",

[17.7.2002]. F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) <u>where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."</u>*

Ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lil Gordi Felice hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 40A, 120A (1)(f)(1B) (2)(a)(i)(aa))(2A) u 121A tal-Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, r-regolament 2 u 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, l-Avviz Legali 10(2),77 tal-1988 u 183 tal-1999, u l-artikolu 183 tal-1999. L-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23 u 31 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-hati Gordi Felice ghal piena ta' erbgha snin prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' sebgha telef Ewro (€7,000).

Tordna l-konfiska tal-propjeta tal-hati. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' nofs l-ispejjez inkorsi f'din il-procedura u cioe s-somma ta' elf sitt mija u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,690.65). Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur